MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Numru 525/2003

**Illum 11 ta' Novembru 2003**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Jesmond Mary Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Jesmond Mary Vella ta' 27 sena bin Martin u Dolores nee' Falzon imwieled Pieta' nhar id-19 t'Awissu 1976 u li joqghod 'Morning Dawn', Flat 1, Triq il-Gifen San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 443376 M.

Akkuzat:

1. talli fit-3 t'April, 2003 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, bil-hsieb ta' estorsjoni jew li jaghmel hsara lil Emanuel Borg, akkuzat quddiem awtorita` kompetenti b'reat suggett ghal piena ta' aktar minn sentejn, filwaqt li kien jaf lil dik il-persuna kienet innocenti;

2. talli fl-istess cirkostanzi, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

3. aktar talli fl-istess cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jisguraw li dak ir-reat kien sar;

4. talli fl-istess cirkostanzi, bil-hsieb li jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni hu ppersista anke' wara li l-Qorti taghtu opportunita` biex jikkunsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat qeghdha ssibu hati tal-akkuzi li huma bbazati fuq l-Artikolu 101 (1) (a) (2), 110 (1) (2) u 188 tal-Kap 9.

Rat l-Artikolu appena citati flimkien mal-Artikolu 17 u 31 tal-istess Kap 9.

Tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija li qeghdha tissosspendi ghal erba' (4) snin mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------